MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2009

Appell Civili Numru. 7/2009

**Josette Camilleri**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

Fl-1 ta’ Gunju, 2009 l-Arbitru ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

**“**L-Arbitru,

Ra l-appell

Ra r-risposta

Ikkunsidera

> Illi l-appellanti bhala beneficjarja ta' ghajnuna socjali kellha l-obbligu li tinforma lid-Divizjoni bil-kambjament fil-mezzi taghha. Hija ppruvat tikkonvinci lid-Divizjoni li r-rikavat mill-bejgh tal-fond konjugali ma giex minnha dispost bl-iskop li tibqa' tibbennefika minn dan il-beneficcju. Id-Direttur gustament ma giex sodisfatt.
>
> L-appell qed jigi michud.”

Minn din is-sentenza appellat Josette Camilleri bil-kontestazzjoni illi, sija d-decizjoni ta’ l-Arbitru, sija dik tad-Direttur tas-Sigurta` Socjali, huma bla ebda fondament legali u fattwali in kwantu skond il-fehma taghha l-kaz taghha jimmerita konsiderazzjoni ghalih. Hija tilmenta illi l-Arbitru ma ha ebda rigward tal-qaghda ta’ sahha ta’ zewgha, u li ma ha ebda konjizzjoni tal-fatt illi fil-mertu s-somma mitluba lura giet ridotta;

Ghall-ezami ta’ dan l-appell huwa utli li jigu dettaljati fil-qosor il-fatti li gejjin:-

(1) Ir-rikorrenti appellanti u zewgha nfirdu legalment b’kuntratt tat-30 ta’ Ottubru, 2007, atti Nutar Dottor Susan Mercieca (fol. 12);

(2) B’kuntratt precedenti tat-8 ta’ Lulju 2007, atti Nutar Angele Rapa (fol. 16), il-koppja ddisponiet mill-fond konjugali billi bieghetu lil terzi ghall-prezz ta’ €83,857.44. Jirrizulta li minn din is-somma gie saldat il-*loan*, u l-bilanc inqasam ugwalment fis-sens illi r-rikorrenti rceviet b’import ta’ sehmha s-somma ta’ €30,970.92;

(3) L-atti juru permezz ta’ dokument varji illi minn din is-somma r-rikorrenti ssaldat dejn li kellha ma’ missierha, xtrat karozza u inkorriet f’diversi hlasijiet ohra;

(4) Bid-decizjoni tieghu tal-21 ta’ Jannar, 2009 (fol. 112) id-Direttur baghat javza lir-rikorrenti illi ma kienetx intitolata aktar ghall-Ghajnuna Socjali (SA) ghaliex

il-valur kapitali taghha u tal-familja taghha kien jeccedi l-massimali ta' €14,000;

(5) Ghal din id-decizjoni tieghu d-Direttur jispjega illi:-

(i) L-Affidavit alleganti s-self mill-missier lir-rikorrenti ma kienx qed jigi accettat;

(ii) Uhud mir-ricevuti prodotti mir-rikorrenti kienu jirrisalu ghal nefqiet anterjuri ghall-bejgh tad-dar u/jew, ma kienux f'isimha u/jew bla data;

(iii) Ma kienx sodisfatt illi r-rikorrenti ma ddipsonietx mill-kapital taghha biex tikkwalifika ghall-Ghajnuna Socjali u/jew li l-valur tar-rizorsi kapitali taghha ma kienx jeccedi €14,000 u dan anke tenut qies ta' l-*allowance* ta' €470 fix-xahar ghall-ghajxien fil-konfront tal-kapital "*not accounted for*" fl-assenza ta' dokumenti ohra ta' kif il-kapital gie iddisponut. Ara t-twegiba tad-Direttur pprezentata quddiem l-Arbitru (fol. 7);

Premessi dawn il-fatti, il-Qorti tibda biex tirregistra illi l-appellanti ma tistax tippretendi illi l-kaz taghha hu wiehed singolari u li, ghaldaqstant, ghandu jinghata trattament specjali u differenti ghal dawk ir-ragunijiet minnha sottomessi fil-korp ta' l-appell. Fl-esperjenza ta' din il-Qorti kif presjeduta, minn kemm ilha tokkupa ruhha minn appelli kontra d-decizjoni ta' l-Umpire, il-fattispeci tal-kaz *de quo* ma humiex ta' natura *sui generis* u xejn differenti minn dawk ta' bosta kazijiet ohra ta' l-istess speci hawn konsiderata. Pjuttost, anzi, anke jekk b'xi ftit varjanti, il-fattezzi tieghu fil-verita` jixxiebhu ghal dawk ta' kazijiet ohra skrutinati. Ara, ad ezempju, "**Dorothy Rossi -vs- Direttur tas-Sigurta` Socjali**", Appell, 17 ta' Ottubru, 2008;

Ipprecizat dan, opportunement jigi ripetut illi "f'kazijiet ta' din ix-xorta fejn kollox jiddependi fuq il-valur u l-kredibilita` tal-provi, il-formazzjoni tal-konvinciment f'min hu msejjah biex jarbitra hi dipendenti fuq il-valutazzjoni ta' dawk il-provi li hu jqis l-aktar idoneji". Ara "**Anna Faniello -vs- Direttur tas-Sigurta` Socjali**", Appell, 7 ta' Frar, 2007.

Hu, difatti, rikonoxxut f'gurisprudenza konsolidata illi l-appellanti ma tistax tikkampa ruhha fuq ir-rikostruzzjoni personali taghha tal-provi ghaliex, kif sew pacifiku, il-valutazzjoni tar-rizultanzi probatorji hi bazata fuq il-principju tal-liberu konvinciment u t-test tal-verosimiljanza. Proprju l-kwestjoni l-izjed sostanzjali li kellu quddiemu f'dan il-kaz id-Direttur, u warajh, l-Arbitru, kien jekk ghandux jemmen lir-rikorrenti appellanti fl-allegazzjonijiet centrali taghha ta' kif, u ghalxiex, iddisponiet mill-kapital li kellha, jew, almenu, jaccettax dik il-versjoni taghha bhala possibbli jew verosimili;

Kif gja osservat fl-esposizzjoni tal-fatti d-Direttur ezamina u investiga l-provi sottomessi lilu mill-appellanti, konsistenti maggorment minn esebizzjoni ta' dokumenti u sab li ma kellux jemmen lill-appellanti dwar kif allegatament iddisponiet minn sehmha mir-rikavat kapitali sussegwenti ghall-bejgh tal-fond matrimonajli. Ghall-istess konkluzjoni wasal l-Arbitru, anke jekk b'motivazzjoni xotta, xotta li "d-Direttur gustament ma giex sodisfatt". Ukoll jekk skeletri, jkollu jinghad illi "l-apprezzament hekk maghmul jifforma strument diskrezzjonali rizervat lil min irid jiggudika fil-mertu u dment li jirrizulta hekk koerenti ma' l-elementi tal-provi utilizzati, dan l-istess apprezzament jibqa' insindakabbli minn Qorti ta' revizjoni". Ara "**Antonia Micallef -vs- Direttur tas-Sigurta` Socjali**", Appell, 27 ta' Gunju, 2007;

Ukoll fuq ir-ri-evalwazzjoni taghha tal-provi ma tirrizulta l-ebda raguni gravi li ggieghel lil din il-Qorti tiddisturba l-apprezzament ta' fatt hekk maghmul mill-Arbitru, u mid-Direttur qablu. Dan ghal motiv illi l-allegazzjonijiet ta' nfiq li l-appellanti tghid li ghamlet ma jikkonvincux ghax mhux attendibbli. Tabilhaqq, tonqos il-prova tar-ricevuti dwar certu nfiq kif ukoll il-prova inkonfutabbli ta' l-allegat self mill-missier lill-appellanti, ankorke jinsab dikjarat li sar ir-rimbors lura tieghu. Prova din, li trattasi ta' l-ammont apprezzabbli involut (Lm5500), kellha, fil-minimu, u fl-assenza ta' dokument verifikabbli, tkun wahda univoka, konklussiva, u, fuq kollox, konvincenti;

Din il-Qorti ma tixba qatt tirrepeti illi r-rapport assistenzjali jipressupponi li l-ispettanza ghall-Ghajnuna Socjali ghandha tkun dejjem wahda bona fide, trattasi ta' erogazzjoni ta' flejjes intizi ghall-kazijiet genwini tal-veru bzonn minn min iressaq ir-reklam tieghu ghal dik l-ghajnuna. Meta, allura, bhal f'dan il-kaz, id-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali jissuspetta serjament illi l-applikant ma jkollux dritt ghaliha jew ukoll, biex ikompli jippercepiha, huwa ghal kollox legittimu, fl-interess tal-kollettivita` u ta' dawk kollha fis-socjeta` li jhallsu t-taxxi, li ma jakkoljix id-domanda jew, altrimenti, li jwaqqaf u jissospendi l-ghajnuna supplita;

In bazi ghal dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, l-aggravju sottopost ma jistax jitqies sufficjentement assodanti biex jikkontrapponi ruhu ghad-decizjoni ta' l-Arbitru.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tichad l-appell, u tikkonferma s-sentenza appellata b'dan illi, kif konswet f'kazijiet ta' din in-natura, l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------